# XOGĦLIJIET TA' MATTIA PRETI MISLUFA MINN HERITAGE MALTA GĦAL WIRJA FIL-POLONJA

**Stqarrija | 20 ta' Ottubru 2023**

Tmien pitturi ta' Mattia Preti mill-kollezzjoni nazzjonali ta' Malta, flimkien ma' żewġ disinji tal-artist u artefatti oħra, ġew mislufa minn Heritage Malta lill-Mużew Royal Łazienki ta' Varsavja għal wirja li se tibqa' għaddejja sat-3 ta' Marzu li ġej. Il-wirja qed issir taħt l-awspiċi tal-ET il-President tal-Polonja, Andrzej Duda.

It-tmien xogħlijiet mislufa minn Heritage Malta huma *San Ġwann Żagħżugħ bl-Ilbies tal-Ordni ta' San Ġwann*, *Danjeli jinterpreta l-Ħolma tar-Re Nebuchadnezzar*, *Lot u Wliedu Bniet*, *Is-Sakra ta' Noè*, *San Bartilmew*, *Id-Dubji ta' Tumas*, *Il-Magħmudija ta' Kristu*, u *Apelles ipitter lil Campaspe*.

Il-pittura *Mattia Preti Jqassam il-Karità lill-Foqra* ta' Giuseppe Calì, mibgħuta wkoll minn Malta, tkompli ssebbaħ il-wirja, kif jagħmlu żewġ xogħlijiet oħra ta' Mattia Preti li jiffurmaw parti mill-kollezzjoni nazzjonali tal-Polonja – *L-Adorazzjoni tar-Ragħajja* u *Logħba Backgammon*.

L-artefatti l-oħra minn Malta, maħsuba biex wieħed jifhem aħjar l-istorja ta' Malta u biex iqiegħdu l-pitturi fil-kuntest storiku tagħhom, jinkludu lapida Musulmana, par ingwanti tal-azzar mill-Armerija tal-Palazz, vażett farmaċewtiku tal-maiolica minn żmien il-Kavallieri, u għażla ta' muniti li kienu jintużaw matul it-38 sena li Mattia Preti dam jgħix f'Malta.

Il-wirja, bl-isem *Mattia Preti: Niskopru s-Sigrieti Barokki ta' Malta*, tagħti tagħrif affaxxinanti dwar ir-rabta qawwija li Preti kellu ma' Malta, is-snin tal-formazzjoni tiegħu u l-bosta vjaġġi li għamel qabel ma ġie jgħix Malta għalkollox fl-1661, l-ambizzjoni tiegħu li jsir kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann, u l-akbar proġett tal-karriera tiegħu – il-pittura mas-saqaf tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann fil-Belt Valletta.

F'diskors waqt l-inawgurazzjoni tal-wirja, l-ET l-Ambaxxatriċi ta' Malta fil-Polonja, Dott. Marisa Farrugia, qalet li l-kultura u l-arti jittraxxendu l-fruntieri, u l-organizzazzjoni tal-wirja ta' Mattia Preti fil-Mużew Royal Łazienki hija xhieda ta' dan. Din il-wirja mhux biss qasmet il-fruntieri fiżiċi iżda kompliet issaħħaħ il-koperazzjoni kulturali bejn Heritage Malta u l-Mużew Royal Łazienki. Hija wkoll turija tad-dedikazzjoni tal-Ambaxxata lejn id-diplomazija kulturali u l-isforzi tagħha b'risq identità Ewropea magħquda.

Il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, Noel Zammit, qal li l-aġenzija nazzjonali għall-wirt kulturali qed taħdem fuq diversi livelli biex il-kollezzjoni nazzjonali tkun aċċessibbli mhux biss għall-pubbliku Malti iżda wkoll għal udjenzi internazzjonali. Inizjattivi

bħall-wirja dwar Mattia Preti f'Varsavja jgħinu biex il-pubbliku jifhem aħjar il-valur ta' xogħlijiet bħal dawn u jkattru l-apprezzament ta' dawn it-teżori. Wirjiet bħal din iservu wkoll bħala pjattaforma għad-djalogu interkulturali filwaqt li huma eżempju ta' kif entitajiet nazzjonali jistgħu jaħdmu flimkien biex ikomplu jagħnixxu l-identità nazzjonali ta' xulxin, qal is-Sur Zammit filwaqt li esprima t-tama li Malta u l-Polonja jkomplu jikkollaboraw fil-qasam tal-arti u l-kultura.

Għaċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni attendew ukoll id-Direttriċi tal-Mużew Royal Łazienki, Marianna Otmianowska, u l-Kap tal-Operat ta' Heritage Malta, Kenneth Gambin.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta